KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 27 ta' Marzu, 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.50p.m. | 9.45p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.45p.m. | 9.45p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.49p.m. | 9.45p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Skużat marid | |
| Kunsillier Dr. Rachel Tua | 7.38p.m. | 9.45p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30p.m. | 9.45p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.25p.m. | 9.40p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.46p.m. | 9.00p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.4.9p.m. | 9.35p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.450.m. | 9.45p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45p.m. | 9.45p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-Laqgħa, s-Sindku Dott. Shirley Farrugia, awgurat lil dan il-Kunsill jibqa jaħdem tajjeb mal-gvern il-ġdid kif kien jaħdem mal-gvern li għadu kif spiċċa. Hija tat il prosit lill dawk il-Kunsilliera li ikkontestaw l-elezzjonijiet ġenerali għaliex kienu llkoll għamlu *effort* u ħidma kbira.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru. 19 tal-20 ta' Frar, 2013.**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru. 19 li saret nhar il-Erbgħa 20 ta' Frar, 2013 ġew approvati unanimament wara li saret korrezzjoni fid-dħul tal-Kunsilliera Dott. Rachel Tua. Dan il-ħin ġie emendat għas- 7.30 p.m.

**2.0 Punti Imqajma mill-Minuti.**

Dwar 2.01 – Il-Mosta Football Club ġew infurmati sabiex jersqu għal-iffirmar tal-Kuntratt, Is-Sindku wriet ix-xewqa li issir xi tip ta ċerimonja jew attivita għal dan l-iffirmar. Il-Kunsillier James Cassar ġie nkarigat jieħu ħsieb din l-attivita.

Dwar 2.05 – Is-Sindku nfurmat li ġie iffirmat il-ftehim ta' finanzjament tat-tisbieħ tal-Ġnien u Playground tal-Blata l-Għolja mal-UIF tal-MEPA. L-idea hi li dan il-Ġnien jinfetaħ fil-20 ta' Ġunju, 2013. Il-Kuntratt mal-kuntrattur JGC kien ġie iffirmat ukoll. Il-ħaddiema tal-Kunsill ħa jneħħu l-equipment eżistenti u jinbeda x-xogħol. Għandu jsir irrangar ta xogħol tal-ġebel (ħitan) mill-kuntrattur tal-Kunsill is-Sur Adam Bugeja. Kien ser isir sforz li l-ġnien jibqa miftuħ sabiex iż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dan il-ġnien ma jitnaffrux.

Dwar 5.0 – Il-Viċi-Sindku, s-Sur Joe Demartino, informa li kienu saru tliet laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv tal-Batterija tat-Tarġa. L-ewwel problema li għandu dan il-kumitat hija kif ser jsolvi l-problema tal-persuna li qeda tokkupa parti minn dan il-kumpless bħala *squatter.* Din il-persuna kienet qed tokkupa numru kbir ta' kmamar, inklużi kmamar sanitarji, il-kumitat iħoss li għandha ssir pressjoni fuq id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex din il-persuna jinstabilha post ta' akkomodazjoni alternattiv.

Kien jeżisti potenzjal kbir għal dan il-post u kien importanti li l-Kunsill jagħmel l-aħjar użu minnu billi joffri lis-soċjetajiet u għaqdiet Mostin l-possibilita li jużawh għal-attivitajiet tagħhom.

Kien ser ukoll tiġi esplorata l-possibilita li jiġu akkwistati fondi mill-EU għar-restawr tal-bini tal-batterija .

Is-Sindku qalet li saret talba lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex titnaqqas il-kera tal-post.

Il-Kunsillier Keith Cassar staqsa jekk dan l-*isquatter* kellux xi dritt li jibqa jokkupa l-post. Huwa kellu l-karta tal-identita rreġistrata fuq dan il-post. Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk dan kellux xi forma ta' kuntratt jew ftehim ta' kera.

Is-Sindku rrispondiet li d-Dipartiment kien jaf b'dan u kien ġie mitlub li jinstab post ieħor. Hija qalet li l-Kumitat flimkien mal-Kunsill għandu jagħmel lista ta prijoritajiet u azzjonijiet li jridu jsiru u jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Artijiet.

**Sospensjoni tar-regolamenti.**

Intalbet sospensjoni tar-regolamenti sabiex l-laqgħa tgħaddi għal-item numru 5 tal-Agenda u din ġiet approvata unanimament.

**3.0 Preżentazzjoni mis-Sindku tal-Kunsill Mosti taż-Żagħżagħ.**

Is-Sindku Julian Scicluna tkellem fuq xogħol tal-Kunsill taż-Żgħażagħ (KZ). Dan il-Kunsill taż-Żagħżagħ kien twaqqaf fl-aħħar ta' Novembru 2012. Kienu ġew organizzati attivitajiet varji flimkien mal-Kunsill taż-Żagħżagħ tal-Msida.

Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia stiednet lill dawn iż-żagħżagħ sabiex jikkonċentraw fuq attivitajiet ta' xogħol fil-qasam soċjali u anke sabiex jiktbu artikli fuq il-fuljett tal-Kunsill.

Julian* enfasizza li l-KZ kien qed jaħdem fuq proposta għall-proġett li minnu jistgħu jibbenifikaw iż-żgħażagħ. Il-KZ identifikaw post fi ġnien Santa Margerita li jista jinbidel f'meeting place għaż-żgħażagħ Mostin. Fil-proposta, il-KZ qed jipproponu li jattrezzaw dan il-post b'tined, vending machines u WI-FI għat-tgawdija taż-żgħażagħ.

Il-proġett dejjem, jekk il-proposta tiġi milqugħa, ħa tkun iffinanzjata 75% mill-Aġenzija Żgħażagħ. Il-Kunsill Lokali Mosta qabel li għandna jidħol għal 25% tal-finanzjament ta' dan il-proġett.

* Julian Scicluna

L-applikazzjoni għal dan il-proġett kienet ser tintbagħat għal-approvazjoni. Il-Kunsillier James Cassar kien ser jgħin f'din l-applikazzjoni.

**3.0 Materji Finanzjarji.**

**3.1- Lista ta' Pagamenti-**

Ġiet approvata unanimament Skeda Ta' Pagamenti Nru. 11 għal-ammont totali ta' Euro 77,011.66.

**3.2- Lista ta' Work Orders-**

Ġiet approvata unanimament Lista ta' 3 work orders.

**3.3- Lista ta' Purchase Orders-**

Ġiet approvata unanimament Lista ta' Purchase Orders minn numru 340 sa numru 365.

**3.4 – Lista ta' Depoziti-**

Ġiet approvata unanimament Lista ta' analiżi tad-Depożiti fil-bank għax-xahar ta' Frar 2013.

**4.0 Korrispondenza.**

Giet ippreżentata Lista 6 *items* ta' Korrispondenza . Annessa ma dawn il-minuti hemm d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill.

Dwar talba għal-għajnuna finanzjarja għal-xiri ta' kotba mis-Sinjura Fiott ta Kulleġġ Maria Regina Primary A, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-liġi tal-Kunsilli ma tippermettix li tintlaqa din it-talba. Il-Kunsill talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lis-Sinjura Fiott f'dan is-sens.

Fuq talba tal-Kunsillier Keith Cassar, L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb ukoll lil min hu responsabli dwar il-kaxxi ħomor li ġew installati fi Triq il-Kostituzjoni sabiex dawn jinżammu mantenuti u stokjati tajjeb bil-gazzettti li għalihom huma maħsuba għaliex dawn qed ikunu dejjem vojta.

**5.0 Aġġudikazjoni ta' Tender- Street Sweeping & Cleaning.**

Dan l-item tal-Agenda tħalla għal-laqgħa oħra għaliex il-Kumitat tal-Aġġudikazjoni kien għadu għaddej bix-xogħol fuq dan it-tender bil-għajnuna tal-Perit Maurice Galea.

**6.0 Affarijiet Oħra.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab ~~mill-Kunsillier Keith Cassar~~ [mis-Sindku] sabiex jara li min hu inkarigat mill-funtani ta' quddiem ir-Rotunda, jieħu ħsieb iżommhom f'kundizzjoni tajba u funzjonabbli.

**7.0 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fil-9.45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |